MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 224/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Vella talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Mejju 2004 u matul l-ahhar tnax-il xahar:

(1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew

minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

(2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(3) Fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' klabb.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmi Emanuel Vella jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Gunju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat ir-regolament 4 tar-regoli tas-sena 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendat bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 4, 6, 8, 22(2) tal-Kap. 101, sabet lill-imsemmi Emanuel Vella hati ta' pussess u traffikar ta' droga u dan f'distanza ta' inqas minn mitt metru mill-klabb

tal-bocci tal-Fgura u kkundannatu ghal sentejn prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elf lira Maltin (Lm1,000), kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud fl-ammont ta' Lm48.44 fi zmien xahar minn meta jigi mitlub mir-Registratur Tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emnuel Vella pprezentat fit-22 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament korrett tal-provi u (2) il-piena fi kwalunkwe kaz hi eccessiva. Meta din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata, pero`, sabet illi ghalkemm l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib htija kemm ta' pussess kif ukoll ta' traffikar oltre l-aggravanti li dan sar f'distanza ta' inqas minn mitt metru mill-klabb tal-bocci tal-Fgura, hija rreferiet ghar-regolament 4 tal-G.N. 292/1939 fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni izda fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ma semmiet l-ebda artikolu tal-ligi jew regolament – specifikatament ir-regolament 8 tal-G.N. 292/1939. Minflok, l-ewwel Qorti rreferiet ghall-artikoli 4, 6 u 8 tal-Kap. 101, oltre l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101. Issa, l-artikolu 4 tal-Kap. 101 jipprojbixxi l-koltivazzjoni ta' l-oppju jew il-pjanta tal-koka, l-artikolu 6 tal-Kap. 101 jaghmel reat, *inter alia*, il-manifattura, bejgh jew traffikar ta' oppju ppreparat, filwaqt illi l-artikolu 8 tal-Kap. 101 jaghmel reat il-pusess jew traffikar tar-raza tal-cannabis kif ukoll il-koltivazzjoni, pussess jew traffikar tal-pjanta tal-cannabis. L-appellant ma jinsab akkuzat b'ebda wiehed minn dawn ir-reati.

Din il-kwistjoni timpingi fuq il-validita` o meno tas-sentenza appellata, u tista' titqajjem, kif qieghda titqajjem, minn din il-Qorti *ex officio*.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Kif diga` osservat, ghalkemm jidher illi l-ewwel Qorti kienet qed issib htija dwar l-imputazzjonijiet kollha, naqset milli tirreferi ghall-artikolu tal-ligi, ossia f’dan il-kaz regolament, li jikkontempla r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta’ sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza mill-gdid skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------